31980R3346

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3346/80
tat-23 ta' Diċembru 1980
li jemenda Regolament (KEE) Nru 2415/78 dwar it-*threshold* statistika fl-istatistiċi tal-kummerċ estern fil-Komunità u l-Istatistiċi tal-Kummerċ bejn l-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari l-Artikolu 146 tiegħu,

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 22 ta' dan l-Att, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2415/78 tas-17 ta' Ottubru 1978 dwar -Istatistiċi tad-dħul fl-Istatistiċi tal-kummerċ estern fil-Komunità u l-Istatistiċi tal-Kummerċ bejn l-Istati Membri [1] trid tiġi addattata bi qbil mal-linji ta' gwida mniżżla fl-Anness II ta' dan l-Att, biż-żieda, b'rispett lejn il-Greċja, tal-valur ekwivalenti fi drachmas tad-dħul statistiku ta' 300 unitajiet Ewropej tal-kontijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2415/78 hu hawnhekk emendat biż-żieda ta' dan li ġej:

"għall-Greċja : Dr 12 500"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1981.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-kumplessità tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1980.

Għall-Kummissjoni

François-xavier ORTOLI

Viċi-President

[1] ĠU Nru L 292 tat-18.10.1978, pġ.19.